

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Mejju 2012

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banque de France

(2012/280/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2012 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banque de France (BĊE/2012/5) ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom ikunu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banque de France ser jispiċċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2011. Għalhekk jeħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.
- (3) Il-Banque de France għażel lid-Deloitte & Associés u lill-KPMG SA bħala l-awdituri esterni tiegħu u lill-B.E.A.S. u lill-KPMG Audit FS I SAS bħala awdituri supplenti għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2017.
- (4) Il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE rrakkomanda li Deloitte & Associés u KPMG SA għandhom jinħatru konġuntament bħala l-awdituri esterni tal-Banque de France u li l-B.E.A.S. għandhom jinħatru bħala awdituri supplenti għal Deloitte & Associés u l-KPMG Audit FS I SAS bħala awdituri supplenti għall-KPMG SA għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2017.

- (5) Huwa xieraq li tiġi segwita r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ⁽²⁾ tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni 1999/70/KE huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"4. Deloitte & Associés u KPMG SA huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banque de France għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2017.

Il-B.E.A.S. huma b'dan approvati bħala l-awdituri supplenti għal Deloitte & Associés u l-KPMG Audit FS I SAS bħala l-awdituri supplenti għall-KPMG SA għas-snin finanzjarji mill-2012 sal-2017."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
M. VESTAGER

⁽¹⁾ ĠU C 93, 30.3.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69.